**15 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

L-Avukat Ġenerali għan-nom tal-Gvern ta' Malta u
Air Malta Company Limited

*versus*

L-Avukat Dottor Hugh Peralta bħala mandatarju speċjali ta' (a) Richard Youell, A.J. Archer, Robin F. Elliot, M.J. Marchant, John Charman, A.M. England, P.D. Morey, Mike E. Brockbank, A.D.

Pilcher, C.W. Rome, M.J.H. Maughan, J.A. Hawtin, H.R. Dumas, J.C. Agnew, M.E. Denby, K.R. Potter, Terence O'Pitron, P.W. Hardy, A.P. Bartleet, R.F. de L. Wills, Anthony J. Avery, A.F. Jackson, Richard H.M. Outhwaite, B.G. Adams, R.J. Morse, M. Turner, G.D. Gilchrist, David J. Peachey, Antony G. Hines, S.R.E. Edwards, C.J. Mander, lkoll f'isimhom proprju kif ukoll okkorrendo in rappreżentanza tas-*syndicates* tagħhom rispettivi bil u għall-membri tagħhom ta' Lloyd's Londra

(b) English & American Insurance Co. Ltd., Nippon Fire & Marine Insurance Co. (UK) Ltd., Fuji Fire & Marine Insurance Co. (UK) Ltd., Switzerland Insurance Co. (UK) Ltd., ilkoll ta' l-Ingilterra

(c) A.D. Pilcher, J.B. Higham, D.K.L. White, J.M. Moody, B.R. Branch, G.C.F. Palmer, T.M. Humm, M.B. Gray, W. M. Mitchell, G.W. Hutton, M.J. Bonds, J.A. Westcott, C.J. Mander, T.P. Johnson, C.R. Hill, T.J. Kemp, J.N. Craig, L.A. Hudson, R.P.W. Hall, M.C. Watkins, P.N. Chrismas, D.T. Potter, K.A. Long, E. Pieri, S.C. Wilmot-Smith, V.E. Emms, H.W. Gascoine, T.J. Pepper, T.R. Anstey, B.M. Roddrick, S.R. Fletcher, G.E. Lloyd-Roberts, M.J.H. Maughan, T.K. Harding, S.J.O. Catlin, L.R. Sawyer, R.J. Bromley, J.C. Collings, L.C. Taylor, B.M. Roddrick, S.R.E. Edwards, E. Ryan, J.M. Wilkes, A.J. Gammell, P.A. Minter, S.G. Thompson, R.A.F. Macmillan, f'isimhom proprju kif ukoll okkorrendo in rappreżentanza tas-*syndicates* tagħhom bil-membri tagħhom rispettivi, lkoll ta' l-Ingilterra

(d) New York Marine Managers Inc., The Reinsurance Corporation, Christiana General Insurance Corp., Worcester Insurance Company, Pennsylvania Lumbermans Mutual Insurance Co., Colonia Insurance Company, United Reinsurance Corporation, United Fire & Casualty Company, New York Marine & General Insurance, kollha ta' l-U.S.A.

u

(e) La Concorde Compagnie D'Assurance, Compagnie D'Assurances Maritimes Aeriennes et Terrestres SA, Assurances Generales De France IART, Gan Incendie Accidents, kollha ta' Pariġi

## Jattanza - Azzjoni ta' - Artikoli 403 u 404 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

*Il-Qorti laqgħet it-talba attriċi u mponiet lill-konvenut terminu ta' tliet xhur sabiex dan iressaq it-talba tiegħu ġudizzjarjment u rriservat li tipprovdi fuq it-talba għall-kundanna tal-konvenut għal skiet perpetwu fi stadju ulterjuri.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fit-3 ta' Marzu, 1997 li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenut *nomine* b'ittra uffiċjali ppreżentata fir-reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 1996 f'isem il-mandatarji msemmija tiegħu interpella lill-Gvern u lil Air Malta Co. Ltd. biex jindennizzaw lill-konvenut *nomine* fis-somma ta' US$32,000,000 (tnejn u tletin miljun dollaru amerikan) allegatament imħallsa lil Pan American World Airways Inc. in konnessjoni mat-telfa totali ta' l-ajruplan Boeing 747 121 (sebgħa erbgħa sebgħa wieħed tnejn wieħed) marka tar-reġistrazzjoni N sebgħa tlieta disgħa PA (N739 PA) *serial number* wieħed disgħa sitta erbgħa sitta (19646) li ġrat ħdejn Lockerbie, Dumfrieshire, Scotland fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru, elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988), illi l-artikolu 403 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jipprovdi illi: "Meta f'atti ġudizzjarji ... persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena minn l-istess pretensjoni titlob b'ċitazzjoni li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni u, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha mpedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni", illi l-artikolu 404 ta' l-istess Kodiċi jipprovdi li dak iż-żmien ma jistax ikun iżjed minn tliet xhur; illi l-proviso għall-artikolu 415 jgħid li d-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu ma għandhomx japplikaw għar-rigward ta'

min, matul it-tliet xhur li jiġu minnufih qabel l-azzjoni ta' jattanza, ikun jew personalment jew permezz ta' mandatarju, ippreżenta att ġudizzjarju fejn ivvanta l-pretensjonijiet tiegħu, illi l-atturi jridu jeħilsu mill-pretensjonijiet tal-konvenut *nomine* li huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għalhekk talbu li din il-Qorti:

Tagħti lill-konvenut *nomine* żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur biex fih iġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni; u

Fin-nuqqas ta' dan fit-terminu lilu prefiss timponi fuq il-konvenut skiet perpetwu;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali ppreżentati mill-Onor. Prim Ministru kontra l-konvenut *nomine* fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Diċembru, 1996;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-atturi;

Rat in-nota tal-konvenut *nomine* ppreżentata fil-15 ta' Ottubru, 1997 li permezz tagħha eċċepixxa illi d-domandi ta' l-atturi m'għandhomx jiġu milqugħa peress illi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut aġixxa skond id-drittijiet lilu mogħtija u stante illi l-każ in kwistjoni għadu miftuħ, filwaqt illi l-istħarriġ għadu jsir u l-indaġini mhux magħluqa. Għalhekk għad baqa' aspettativa da parti tal-konvenut *nomine* li xi darba ssir ġustizzja miegħu. Għalhekk il-Qorti m'għandhiex tati żmien perentorju biex hu jġib il-każ tiegħu ġudizzjarment jew inkella jitlef id-drittijiet tiegħu;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-konvenut *nomine*;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 1997 meta d-difensuri tal-kontentendi ssottlinejaw l-posizzjoni tagħhom u l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għas-seduta tal-lum bil-fakoltà lill-partijiet li jippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet;

Rat in-noti ppreżentati mill-kontendenti;

Ittrattat il-kawża;

Ikkunsidrat:

B'dawn il-proċeduri l-atturi, li huma l-oġġett ta' millantazzjoni eżerċitata mill-konvenut *nomine*, qegħdin jitolbu li din il-Qorti tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 403 tal-Kap. 12 u b'hekk tagħti żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur lill-konvenut *noe* sabiex dan iġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjoni tiegħu u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilu mpedut li jaġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni;

Din it-talba hija konsegwenza ta' pretensjoni tal-konvenut *nomine* li, fil-kapaċità tiegħu ta' mandatarju ta' diversi persuni u soċjetajiet involuti fl-assikurazzjoni ta' l-ajruplan Boeing 707 121 li ġġarraf fil-21 ta' Diċembru, 1988 ħdejn Lockerbie, l-Iskozja, qed jitlob risarċiment mingħand l-atturi odjerni tas-somma mħallsa bħala riżultat ta' dik it-telfa fl-ammont ta' US$32,000,000;

Infatti, l-konvenut odjern, b'ittra uffiċjali, tas-16 ta' Diċembru, 1996, interpella lill-Gvern ta' Malta u lil Air Malta Company Ltd., sabiex iħallsu l-ammont fuq imsemmi billi tali dannu ġie "kaġunat b'imprudenza, negliġenza, u/jew non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti" da parti tagħhom. Għalhekk jirrikorru l-elementi msemmija fl-artikolu 403 fuq imsemmi inkwantu l-jedd pretiż ġie mressaq b'att ġudizzjarju.

Inoltre l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fit-terminu stabbilit fil-proviso ta' l-artikolu 415 inkwantu ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fi żmien tliet xhur minn meta l-mandatarju ta' persuni assenti minn Malta ppreżenta l-istess ittra uffiċjali;

L-Avukat Ġenerali qed isostni li l-linja li trid tadotta din il-Qorti hija waħda assolutament riġida fis-sens li la darba jiġi stabbilit li tkun saret talba mill-konvenut kif indikat fl-artikolu 403 tal-Kap. 12, il-Qorti ma għandhiex triq oħra ħlief li timponi terminu sabiex dik il-pretensjoni tiġi mressqa b'kawża kif jipprefiġġi l-istess artikolu;

Il-konvenut *nomine* qed isostni li din ma għandhiex tkun l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil-liġi iżda l-Qorti dejjem għandu jkollha diskrezzjoni jekk timponix terminu u dana wara li tieħu konjizzjoni taċ-ċirkostanzi. Fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut jgħid li t-talba attriċi ma għandhiex tiġi akkolta billi fl-ewwel lok huwa aġixxa skond id-drittijiet mogħtija lilu. Dwar dan hemm spjegazzjoni fid-dikjarazzjoni fejn jingħad li l-ittra uffiċjali qed issir biex hu jżomm veljanti d-dritt tiegħu kontra l-atturi u sabiex dan id-dritt ma jintilifx bl-egħluq tat-terminu preskrittiv. Fit-tieni lok il-konvenut qed jissottometti li l-każ in kwistjoni għadu miftuħ, l-istħarriġ għadu jsir u l-indaġini mhux magħluqa;

Huwa fil-kuntest tat-tieni sottomissjoni tiegħu li l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet għamel referenza għal provvedimenti ta' l-artikolu 405 tal-Kap. 12 li jippreskrivi li l-Qorti ma tilqax it-talba msemmija fl-artikolu 403 jekk il-pretensjoni tkun "dwar jeddijiet inċerti, li jiddependu minn fatt li jista' jiġri u ma jiġrix jew minn kundizzjonijiet, jew dwar jeddijiet li ma jistgħux jinġiebu 'il quddiem f'dak iż-żmien";

Din, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija proprju s-soluzzjoni

tal-kwistjoni li tinsab quddiemha. Jekk ma jirrikorrux il-fatturi li jirrendu l-jedd inċert jew ma jkunx hemm raġunijiet il-għala dak il-jedd ma jistax jiġi reklamat ġudizzjarjament, allura din il-Qorti hija marbuta, kif qed jiġi sottomess mill-Avukat Ġenerali, li timponi terminu sabiex dik il-pretensjoni tinġieb 'il quddiem b'kawża. Kuntrarjament dik it-talba ma tistax tiġi akkolta. Dan huwa loġiku għax persuna ma għandhiex tiġi mqiegħda f'sitwazzjoni impossibbli u penalizzata bit-telfa tad-drittijiet jekk jirriżulta li f'dak l-istadju dik il-persuna ma tkunx f'posizzjoni li taġixxi;

F'dan ir-rigward il-konvenut qed jgħid li f'dan il-każ hemm ċirkostanzi li fil-preżent jimpeduh milli jippreżenta l-kawża, liema ċirkostanzi l-Qorti għandha eventwalment tismagħhom u teħodhom in konsiderazzjoni;

Qabel xejn għandu jiġi enfasizzat li f'kawża ta' jattanza din il-Qorti mhux tenuta teżamina ċirkostanzi oħra kif qed jallega l-konvenut. Jekk kellha tagħmel dan tkun kostretta ta' bilfors li tidħol fil-meritu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti. Ħaġa li ċertament ma kinitx intiża mil-leġislatur meta ta lill-Qorti l-poteri msemmija fl-artikolu 403 *et seq* tal-Kap. 12. L-indaġini li trid tagħmel il-Qorti għalhekk għandha tkun limitatta sabiex jiġi determinat jekk il-jedd pretiż fl-att ġudizzjarju huwiex wieħed inċert jew li jiddependi minn event futur;

Kif sewwa ssottometta d-difensur tas-soċjetà Air Malta Co. Ltd., l-ittra uffiċjali tal-konvenut *nomine* hija "affermazzjoni kategorika" ta' jedd pretiż. Infatti l-mandanti tal-konvenut interpellaw lil Gvern ta' Malta u lis-soċjetà Air Malta Co. Ltd. għar-riżarċiment ta' ammont stipulat, allegatament imħallas minnhom bħala assikuraturi ta' l-ajruplan fuq imsemmi bħala konsegwenza tat-tiġrif tiegħu. Inoltre, din il-pretensjoni hija bbażata fuq allegazzjoni li l-istess intimati

huma responsabbli inkwantu dawn kienu imprudenti, negliġenti u ħatja ta' non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti;

Illi mid-diċitura ta' l-ittra uffiċjali jidher ċar li ma jikkonkorrux iċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 405 billi l-kreditu pretiż huwa ċert u r-raġuni għaliex dak il-kreditu qed jiġi pretiż huwa definit bl-aktar mod ċar. Din il-Qorti mhux ser tispekula dwar il-portata ta' sanzjonijiet meħuda mill-Ġnus Magħquda jew l-atti ta' akkuża maħruġa mir-Renju Unit jew l-Istati Uniti, għax b'dan il-mod tkun qed teżamina aspett tal-kwistjoni li jolqot il-meritu li mhux kompitu tagħha f'dawn il-proċeduri. Iżda ma tara ebda raġuni għaliex il-konvenut *nomine* ma jistax, f'dan l-istadju, iressaq it-talba tiegħu ġudizzjarjament. Wara kollox jekk il-konvenut qed jallega negliġenza u non-osservanza ta' liġijiet jew regolamenti da parti ta' l-atturi dan irid jipprovah fi proċeduri appożiti u ma jistax jibqa' jixħet dell fuq il-Gvern jew enti kummerċjali a diskapitu tagħhom;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tilqa' l-ewwel talba attriċi u tagħti lill-konvenut *nomine* tliet xhur żmien biex fih iġib 'il quddiem il-pretensjoni tiegħu u tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni talba fi stadju ulterjuri f'każ li dan it-terminu jgħaddi inutilment;

Spejjeż riservati għal ġudizzju finali.

---